# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Ibrahim Elayachi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Ibrahim Elayachi, dokument maħruġ mill-Kummissarju għar-Refuġjati numru 22130/17** u li ġie mixli talli

> fil-lejl bejn id-9 u 1-10 ta' Novembru 2018 bejn il-hdax ta' filghaxija u s-siegha ta' filghodu *(23.00Hrs - Ol:OOHrs)* fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer;
>
> 1. Ikkometta serq ta' telefon cellulari ta' l-ghamla Iphone minn gewwa l-istabbiliment 'The Pub', sitwat fi Triq l-Arcisqof ghad-dannu ta' Raphael Mizzi u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, kif ukoll bil-valur li jiskorri il-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mijja u disa' u ghoxrin euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267 u 270 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
> 2. Ikkometta serq ta' telefon cellulari ta' l-ghamla Samsung minn gewwa l-istabbiliment 'La Bottega', sitwat fi Triq Merkanti ghad-dannu ta' Shayma Shamo u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, kif ukoll bil-valur li jiskorri il-mitejn tnejn u tletin ewro

u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mijja u disa' u -ghoxrin euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.3 7) u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267 u 270 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif moghotija nhar it-30 ta' Jannar 2018, mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel ai termini tal artikolu 28B tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta 4.

U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Novembru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Illi matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat debitament assistit mill-Avukat għall-Għajnuna Legali Dr. Victor Bugeja, stqarr li kien inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluż fis-sens illi għar-reati li ammetta għalihom tista' tingħata piena ta' priġunerija jew pieni alternattivi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu fl-atti, l-imputat, fil-preżenza tal-interpretu u wara li kkonferixxi mal-Avukat Difensur, wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih skont kif intqal aktar il-fuq.

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandu jingħata l-imputat għar-reati kommessi minnu. Il-Qorti rat li l-ħati huwa plurireċidiv u dan wara li ġie misjub ħati minn dawn il-Qrati, *inter alia,* li : -

1. Wara li żbarka f'Malta huwa naqas li jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta minnu nonche li kiser regoli relattivi għall-kondotta fuq bastimenti jew portijiet u ġie kundannat għal piena karċerarja ta' xahrejn permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Audrey Demicoli nhar id-29 ta' Novembru 2017;
2. Inoltre, huwa diġa kien ingħata l-opportunita' li jkun jista' jibdel ħajtu u jgħix b'mod ċivili u rispettuż tal-Liġi f'dan il-pajjiż meta din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Claire Stafrace Zammit, għal diversi delitti ta' ħsara volontarja u li ppartecipa

f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar bil-ħsieb li jiġu kommessi reati kienet tagħtu sentenza ta' tminn xhur priġunerija sospiżi għal sentejn.[1] Din is-sentenza ingħatat lilu fit-22 ta' Jannar 2018.

3. Anqas minn għaxar xhur wara li ingħata din l-aħħar sentenza, reġa' kkommetta delitti serji, din id-darba ta' serq kwalifikat.

# *Deċide*

li wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 28F, 49, 50, 261(c)(f), 267, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil imputat **Ibrahim Elayachi**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi in kwantu tal-piena li għandha tiġi inflitta, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat u għalhekk il-fatt li franka lil Qorti ħafna żmien u spejjes u għalhekk kien jimmerita termperament fil-piena infliġġenda. F'dan il-każ, stante l-ammissjoni bikrija, il-Qorti għażlet li, unikament għall-fini tal-piena *per se* ma tittrattax mal-ħati bħala reċidiv.

Iżda mill-banda l-oħra il-Qorti ħadet kont tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, u tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-piena infliġġenda għandha tiżdied bi grad. Inoltre huwa għandu jingħata sentenza ta' priġunerija

[1] kif jidher ċar mill-fedina penali tiegħu u mill-kopja tas-sentenza eżibita fl-atti.

effettiva, in kwantu huwa wettaq dan id-delitt ta′ serq ta′ telefoni ċellulari fil-perjodu operattiv ta′ sentenza ta′ priġunerija sospiża.

Konsegwentement il-Qorti tikkundannah :

i : kwantu għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet għall-piena ta′ **tlettax (13) il-xahar priġunerija**;

ii : kwantu għat-tielet imputazzjoni wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qiegħda ssib li **Ibrahim Elayachi** wettaq ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda titratta miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta′ **tminn xhur priġunerija** sospiżi għal sentejn għandha tibda' sseħħ b′effett immedjat.

Għall-fini ta′ kjarezza, bis-saħħa ta′ din is-sentenza **Ibrahim Elayachi** qiegħed jiġi kundannat għal perjodu komplessiv ta′ **wieħed u għoxrin (21) xahar priġunerija.**

Mill-banda l-oħra, kwantu għall-konsegwenzi li jitnisslu mill-piena inflitta, peress li l-imputat huwa plurireċidiv u ġie misjub ħati tliet darbiet fi żmien ta′ madwar sena ta′ reati li wkoll jolqtu l-ordni

pubbliku, kif ukoll li f'dan il-każ ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena : -

(a) ai termini tal-Artikolu 5(2)(d) tal-Kapitolu 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni il-Qorti tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex meta jiskonta s-sentenza tiegħu l-imputat jiġi ddikjarat bħala immigrant ipprojbit skont kif jipprovdi Artikolu 5(2)(d) tal-Kapitolu 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni u tittieħed l-azzjoni meħtieġa għar-rimpatriju;

(b) ai termini tal-Artikolu 10(2)(b) tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ li din is-sentenza li titratta reat ta' serq aggravat u kwalifikat bir-reat kontinwat tidħol f'ġudikat, in kwantu huwa reat partikolarment gravi u l-ħati bil-kondotta tiegħu matul din l-aħħar sena wera' li huwa ta' perikolu għall-komunita' ta' persuni li jgħixu f'Malta, għandu jikkonsidra jekk jirrevokax jew iġeddidx il-protezzjoni mogħtija lill-ħati.

Il-Qorti rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-atti ta' din il-kawża flimkien ma din is-sentenza jiġu mgħoddija lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem skont il-Liġi.

Intant tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi komunikata wkoll lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, lill-Kummissarju għar-Refuġjati u lill-Ministru responsabbli għall-Immigrazzjoni.

*Mogħtija illum it-tlettax ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

***Aaron M. Bugeja***

Ammissjonijiet/oħrajn/priġunerija effettiva